MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 27/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Antoinette Samut**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim datat 20 ta' Frar, 2003 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 13 fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta huwa ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) kif jidher mir-rapport tal-perit Joseph Mizzi A&CE tat-18 ta' Frar 2003 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali, tat-12 ta' Marzu 2003 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm 25,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta tal-intimata Antoinette Samut li tghid hekk:

Illi l-kumpens offert mir-rikorrent Kummissarju tal-Artijiet ma huwiex dak li huwa rejalment u legalment dovut skond il-ligi u partikolarment imma mhux esklussivament, peress illi l-prezz offert huwa bazat fuq valutazzjoni li ma tiehux in konsiderazzjoni il-fatturi kollha li ghandhom x'jaqmu mal-valur tal-istess proprjeta' u lanqas tixhed il-valur veru partikolarment konsiderata l-lokalita'

Illi l-valur rejali u legalment dovut ghall-fond 13, Triq San Pawl, il-Belt Valletta huwa ta' hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm85,000)

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Joseph Jaccarini u l-Perit AIC Renato La Ferla wara li ghamlu ezami akkurat tal-fond u hadu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz

waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Is-sottofirmati, wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li hassew li setghu jaffettwaw il-kaz, qeghdin prezenzjalment jistmaw il-valur ta' dana l-fond fil-prezz ta' Lm91,880, (Wiehed u Disghin Elf Tmien Mija u Tmenin Liri Maltin). Huma jhossu li huwa doveruz di parti taghhom li jirrillevaw illi, ghalhekk dan l-imsemmi valur jirrizulta xi haga' iktar minn dak li qed jitolbu l-intimati, u cioe' Lm85000, skond il-Ligi il-Gvern huwa tenut li jhallas bhala kumpens il-prezz gust, u ghalhekk il-principju tal-"ultra petita", fil-kaz ta' espropriazzjoni forzuss, forsi m'ghandux jigi applikat.

Illi kif tajjeb irrelevaw il-membri teknici tal-Bord il-proviso tal-artikolu 25 jipprovdi li l-kumpens ma jistax ikun aktar minn dak propost minn wahda mill-paritjiet. Dan il-proviso kien introdott fl-1995 u l-esproprju sar fl-1989 izda l-procedura odjerna kienet intavolata fl-2003 u ghalhekk il-proviso huwa applikabbli u ghalhekk il-Bord ser jghaddi biex jiffissa bhala kumpens l-ammont pretiz mill-intimata ta' Lm85,000

Illi l-ammont ta' Lm85,000 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 197,996.74 (mija seba u disghin elf, disa mija sitta u disghin euro u erba u sebghin centezmu);

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, wara l-istima unanima tal-membri teknici, l-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata titrasferixxi bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut, il-fond Numru 13 fi Triq San Pawl, l-Belt Valletta bil-kumpens ta' Euro 197,996.74 (mija seba u disghin elf, disa mija sitta u disghin euro u erba u sebghin centezmu);

Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-18 ta' Marzu 2008 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun

mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabillit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------